

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI AMMINISTRATIVI

L-UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI  
TAL-PERSUNAL (EPSO)

## AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONI ĠENERALI

EPSO/AST/125/12 — Assistenti (AST 3)

(2012/C 394 A/01)

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza din il-kompetizzjoni ġenerali permezz ta' eżamijiet sabiex tinholq lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' assistenti (\*).

EPSO/AST/125/12 — Assistenti (AST 3)

fl-oqsma li ġejjin:

1. AWDITJAR
2. FINANZI/KONTABILITÀ
3. EKONOMIJA/STATISTIKA

L-għan ta' din il-kompetizzjoni hu li jifasslu listi ta' riżerva maħsuba biex jimtlew postijiet vakanti fi ħdan numru ta' istituzzjonijiet Ewropej.

**Qabel tapplika, għandek taqra bir-reqqa l-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali C 270 A tas-7 ta' Settembru 2012 kif ukoll fuq il-websajt tal-EPSO.**

**Din il-gwida, li tagħmel parti integrali mill-avviż ta' kompetizzjoni, se tgħinek tifhem ir-regoli dwar il-proċeduri u l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni.**

## WERREJ

- I. QAFAS ĠENERALI
- II. DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJIET
- III. KUNDIZZJONIJIET TA' AMMISSJONI
- IV. TESTIJIET TA' DĦUL
- V. ĊENTRU TA' EVALWAZZJONI
- VI. LISTI TA' RIŻERVA
- VII. KIF TAPPLIKA?  
ANNESI

(\*) F'dan l-avviż kull referenza għal persuna tas-sess maskil tirreferi wkoll għal persuna tas-sess femminil.

## I. QAFAS ĠENERALI

1. Numru ta' kandidati magħżula skont il-qasam	<p>Qasam 1 = 25</p> <p>Qasam 2 = 45</p> <p>Qasam 3 = 40</p>
2. <b>Kummenti</b>	<p>Int tista' tapplika għal qasam wieħed biss.</p> <p>Din l-għażla għandha ssir meta timla l-applikazzjoni elettronika u ma tistax tinbidel ladarba tkun ikkonfermajt u vvalidajt l-applikazzjoni tiegħek b'mod elettroniku.</p>

## II. DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJIET

L-Assistenti tal-livell AST 3 jieħdu sehem, taħt is-sorveljanza ta' Amministratur, fil-kisba tal-missjoni tal-istituzzjoni jew tal-korp tagħhom u jkunu mistennija li jwettqu kompiti ta' applikazzjoni, ta' implimentazzjoni, ta' appoġġ u ta' loġistika f'diversi oqsma tal-attività.

Deskrizzjoni dettaljata ta' dawn l-oqsma differenti tinsab fl-annessi.

## III. KUNDIZZJONIJIET TA' AMMISSJONI

**Fid-data ta' għeluq stabbilita għall-applikazzjoni elettronika**, int għandek tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha ġenerali u speċifiċi li ġejjin:

### 1. Kundizzjonijiet ġenerali

- Tkun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.
- Tgawdi mid-drittijiet ċivili tiegħek.
- Tkun wettaqt kwalunkwe obbligu impost mil-liġijiet dwar ir-reklutaġġ applikabbli fil-qasam militari.
- Tipproduċi r-referenzi dwar il-personalità mitlubin għat-twettiq tal-funzjonijiet previsti.

### 2. Kundizzjonijiet speċifiċi

2.1.	<b>Kwalifiki:</b> ara l-annessi
2.2.	<b>Esperjenza professjonali:</b> ara l-annessi
2.3.	<b>Ġarfien lingwistiku</b> <sup>(1)</sup>

<sup>(1)</sup> Ara l-Qafas Ewropew ta' Referenza Komuni għal-Lingwi (QERK) — Lingwa 1=C1/ Lingwa 2=B2 (<http://europass.cedefop.europa.eu/europass/home/hornav/Downloads/CEF/LanguageSelfAssessmentGrid.csp>)

(a) Lingwa 1  u	<b>Il-lingwa ewlenija:</b> għarfien profund ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
(b) Lingwa 2	<p><b>It-tieni lingwa (għandha tkun differenti mil-lingwa 1):</b> għarfien sodisfaċenti tal-Ġermaniż, l-Ingliż jew il-Franċiż.</p> <p><b>B'konformità mas-sentenza mill-Qorti tal-UE (Grand Chamber) fil-Kawża C-566/10 P, Ir-Repubblika Taljana vs il-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet tal-UE huma mitluba jistqarru r-raġunijiet għal-limitu tal-għażla tat-tieni lingwa f'din il-kompetizzjoni għal numru ristrett ta' lingwi uffiċjali tal-UE.</b></p> <p><b>Għaldaqstant il-kandidati huma infurmati li l-għażliet tat-tieni lingwa f'din il-kompetizzjoni ġew definiti b'konformità mal-interess tas-servizz li jeħtieġ li l-kollegi ġodda reklutati jibdew jaħdmu mal-ewwel u jistgħu jikkomunikaw b'mod effiċjenti fix-xogħol tagħhom ta' kuljum. Jekk dan ma jkunx il-każ, it-tħaddim effettiv tal-istituzzjonijiet ikun affettwat ħażin ħafna.</b></p> <p><b>Abbażi ta' prassi tal-istituzzjonijiet tal-UE li ilha fir-rigward tal-lingwi użati għal komunikazzjoni interna u filwaqt li jiġgu kkunsidrati wkoll il-ħtiġijiet tas-servizz dwar il-komunikazzjoni esterna u l-immaniġġar tal-fajls, l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż jibqgħu l-aktar lingwi użati. Barra minn hekk, l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż huma t-tieni lingwa l-aktar magħżula mill-kandidati tal-kompetizzjonijiet fejn għandhom għażla ħielsa. Dan jikkonferma l-istandards edukattivi u professjonali attwali, fejn il-kandidati għal karigi tal-Unjoni Ewropea jistgħu jitqiesu li jafu tajjeb ħafna tal-inqas waħda minn dawn il-lingwi. Għaldaqstant, meta wieħed jibbilanċja l-interess tas-servizz u l-ħtiġijiet u l-ħiliet tal-kandidati billi jiġi kkunsidrat ukoll il-qasam partikolari ta' din il-kompetizzjoni, ikun ġust li jiġi organizzati testijiet f'dawn it-tliet lingwi sabiex jiġi żgurat li, tkun xi tkun l-ewwel lingwa uffiċjali tagħhom, il-kandidati kollha jkunu jafu tajjeb ħafna minn tal-inqas waħda mit-tliet lingwi uffiċjali fil-livell ta' xogħol. Barra minn hekk, l-interess ta' trattament ugwali tal-kandidati kollha, kulħadd, inkluż dawk li l-ewwel lingwa uffiċjali tagħhom hija waħda minn dawn it-tlieta, huwa meħtieġ li jagħmel it-test fit-tieni lingwa tiegħu jew tagħha, magħżula minn dawk it-tlieta. Il-valutazzjoni ta' ħliet speċifiċi b'dan il-mod tippermetti lill-Istituzzjonijiet biex jevalwaw l-abilità tal-kandidati sabiex jaħdmu immedjatement f'ambjent li jaqbel mar-realtà li jsibu fl-impjieg. Dan huwa bla ħsara, sabiex jittardja t-taħriġ tal-lingwa sabiex tinkiseb ħila sabiex wieħed jaħdem bit-tielet lingwa b'konformità mal-Artikolu 45(2) tar-Regolamenti tal-Persunal.</b></p>

#### IV. TESTIJET TA' DĦUL

It-testijiet ta' dħul isiru fuq il-kompjuter u jiġu organizzati mill-EPSO. Il-bord tas-selezzjoni jiddetermina l-livell ta' diffikultà tat-testijiet u japprova s-sustanza tagħhom abbażi tal-proposti magħmula mill-EPSO.

1. <b>L-istedina għat-testijiet</b>	<p>Inti tiġi mistieden għat-testijiet jekk tkun ivvalidajt l-applikazzjoni tiegħek fil-ħin (ara t-Taqsima VII).</p> <p><b>Attenzjoni:</b></p> <ol style="list-style-type: none"> <li>meta tivvalida l-applikazzjoni tiegħek, inti tiddikjara li tissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi tat-Taqsima III;</li> <li>biex tipparteċipa fit-testijiet, trid tirriżerva data; din ir-riżervazzjoni għandha <b>bilfors</b> issir fiż-żmien li jiġi indikat lilek permezz tal-profil EPSO.</li> </ol>	
2. <b>Deskrizzjoni tat-testijiet u dettalji dwar il-marki</b>	Sensiela ta' testijiet ibbażati fuq mistoqsijiet b'għażla multipla bil-għan li jiġu evalwati l-kapaċitajiet u l-kompetenzi ġenerali tiegħek fir-rigward ta':	
Test (a)	ir-raġunament verbali	marki: minn 0 sa 20 punt minimu meħtieġ: 10 punti
Test (b)	ir-raġunament numeriku	marki: minn 0 sa 10 punti
Test (c)	ir-raġunament astratt	marki: minn 0 sa 10 punti
		Il-minimu meħtieġ għat-testijiet b) u c) flimkien huwa ta' 10 punti

Test (d)	kapaċitajiet professjonali: Eżattezza u preċiżjoni	marki: minn 0 sa 20 punt
Test (e)	kapaċitajiet professjonali: Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni	marki: minn 0 sa 20 punt
		Il-minimu meħtieġ għat-testijiet (d) u (e) flimkien huwa ta' 20 punt
Test (f)	il-valutazzjoni sitwazzjonali	marki: minn 0 sa 40 punt minimu meħtieġ: 24 punt
3. Lingwa tat-testijiet	Lingwa 1 għat-testijiet (a), (b) u (c) Lingwa 2 għat-testijiet (d), (e) u (f)	

## V. ĊENTRU TA' EVALWAZZJONI

1. <b>Stedina</b>	<p>Int se tkun mistieden għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— jekk tkun ksibt il-minimu meħtieġ fit-testijiet tad-dħul, u</li> <li>— jekk inti (?) tkun ksibt waħda mill-aħjar marki fit-testijiet kollha tad-dħul, u</li> <li>— jekk, wara l-evalwazzjoni abbażi tal-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni elettronika tiegħek (?), tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi tat-Taqsima III.</li> </ul> <p>In-numru ta' kandidati ammessi għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni jikkorrispondi bejn wieħed u ieħor ma' <b>darbtejn u nofs</b> in-numru tal-kandidati magħżula indikat f'dan l-avviż ta' kompetizzjoni, u se jkun ippubblikat fuq il-websajt tal-EPPO (<a href="http://blogs.ec.europa.eu/eu-careers.info/">http://blogs.ec.europa.eu/eu-careers.info/</a>).</p>
2. <b>Ċentru ta' evalwazzjoni</b>	<p>Iċ-ċentru ta' evalwazzjoni huwa maħsub biex jevalwa dawn il-kompetenzi:</p> <p><b>A. Kompetenzi speċifiċi</b></p> <p>Il-kompetenzi speċifiċi se jkunu ttestjati biss permezz tal-istudju ta' każ fil-qasam magħżul.</p> <p><b>B. Kompetenzi ġenerali</b> (*)</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Analiżi u soluzzjoni tal-problemi</li> <li>— Komunikazzjoni</li> <li>— Kwalità u riżultati</li> <li>— Taġħlim u żvilupp</li> <li>— Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni</li> <li>— Perseveranza</li> <li>— Ħidma f'tim</li> </ul> <p>Dawn il-kompetenzi se jiġu eżaminati permezz tat-testijiet li ġejjin (?):</p> <ol style="list-style-type: none"> <li>a) posta elettronika (eżerċizzju tal-in-tray)</li> <li>b) intervista strutturata</li> <li>c) studju ta' każ fil-qasam magħżul</li> <li>d) eżerċizzju fi grupp</li> </ol> <p>Int se tkun mistieden tipparteċipa fl-istudju ta' każ (*) fil-qasam magħżul (li huwa parti integrali miċ-ċentru ta' evalwazzjoni) u għall-elementi l-oħra taċ-ċentru ta' evalwazzjoni, li fil-prinċipju se jsir Brussell u li jdum jum.</p> <p><b>Kull waħda mill-kompetenzi ġenerali tiġi ttestjata skont il-mudell li ġej:</b></p>

(?) Fil-każ fejn fl-aħħar post jiġu diversi kandidati bl-istess marka, dawn il-kandidati kollha jkunu mistiedna għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni.

(?) Din l-informazzjoni se tiġi vverifikata, abbażi tad-dokumenti ta' prova, qabel ma tiġi stabbilita l-lista ta' riżerva (ara t-Taqsima VI, il-punt 1 u t-Taqsima VII, il-punt 2).

(\*) Dawn il-kompetenzi huma mfissra fil-punt 1.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali.

(?) Il-kontenut ta' dawn l-elementi huwa vvalidat mill-bord tas-selezzjoni.

(?) Minħabba raġunijiet ta' organizzazzjoni, l-istudju ta' każ jista' jsir fiċ-ċentri tal-ittestjar fl-Istati Membri u/jew fi Brussell, indipendentement mit-testijiet l-oħra li jsiru fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni.

	Posta elettronika	Intervista strutturata	Studju tal-każ	Eżerċizzju fi grupp
Analiżi u soluzzjoni tal-problemi	x		x	
Komunikazzjoni		x	x	
Kwalità u riżultati	x		x	
Tagħlim u żvilupp		x		x
Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni	x	x		
Perseveranza		x		x
Ħidma f'tim	x			x

3. <b>Lingwi taċ-ċentru ta' evalwazzjoni</b>	Lingwa 2
4. <b>Marki</b>	<p><b>Kompetenzi speċifiċi (test c)</b></p> <p>minn 0 sa 30 punt minimu meħtieġ: 15-il punt <b>piż: 30 % tal-marka globali</b></p> <p><b>Kompetenzi ġenerali</b></p> <p>minn 0 sa 10 punti għal kull kompetenza ġenerali minimu meħtieġ: 3 punti għal kull kompetenza <b>u</b> 35 punt minn 70 għas-7 kompetenzi ġenerali kollha f'daqqa <b>piż: 70 % tal-marka globali</b></p>

## VI. LISTI TA' RIŻERVA

1. <b>Kandidati li jiddaħħlu fil-listi ta' riżerva</b>	<p>Il-Bord tas-Selezzjoni jniżżel ismek fuq il-lista ta' riżerva</p> <p>— jekk int tkun wieħed mill-kandidati <sup>(7)</sup> li jkunu kisbu l-minimu meħtieġ flimkien ma' waħda mill-aħjar marki fit-testijiet kollha taċ-ċentru ta' evalwazzjoni (ara n-numru ta' kandidati magħżula, Taqsima I, punt 1)</p> <p>— <b>u jekk, skont id-dokumenti ta' prova</b>, tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha ta' ammissjoni.</p> <p>Il-verifika ssir, skont l-ordni dixxendenti, sakemm jintlaħaq in-numru ta' kandidati li jstgħu jtnizzlu fil-lista ta' riżerva u li effettivament jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha tal-ammissjoni.</p> <p>Id-dokumenti ta' prova tal-kandidati li jkunu ġew ikklassifikati taħt dan il-limitu mhux se jkunu eżaminati. Jekk jirriżulta minn din il-verifika li d-dikjarazzjonijiet <sup>(8)</sup> li saru mill-kandidati fl-applikazzjoni elettronika tagħhom mhumiex ippruvati bid-dokumenti ta' prova rilevanti, il-kandidati kkonċernati jiġu esklużi mill-kompetizzjoni.</p>
2. <b>Klassifika</b>	Listi stabbiliti skont il-kompetizzjoni u f'ordni alfabetika.

<sup>(7)</sup> Fil-każ fejn fl-aħħar post jiġu diversi kandidati bl-istess marka, dawn il-kandidati kollha jkunu mistiedna għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni.

<sup>(8)</sup> Dikjarazzjonijiet ivverifikati mill-EPSo għall-kundizzjonijiet ġenerali u mill-bord tas-selezzjoni għall-kundizzjonijiet speċifiċi.

## VII. KIF TAPPLIKA?

1. <b>Applikazzjoni elettronika</b>	Għandek tapplika b'mod elettroniku billi ssegwi l-proċedura indikata fuq il-websajt tal-EPPO, u b'mod speċjali fil-Manwal tal-Applikazzjoni. <b>Data tal-għeluq (inkluża l-validazzjoni): it-22 ta' Jannar 2013 f'12:00 (nofsinhar),</b> ħin ta' Brussell.
2. <b>Fajl tal-applikazzjoni</b>	<b>Jekk inti tagħmel parti mill-kandidati ammessi</b> għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni, għandek iġġib miegħek <sup>(9)</sup> il-fajl tal-applikazzjoni komplut tiegħek (l-applikazzjoni elettronika tiegħek iffirmata u d-dokumenti ta' prova) meta tiġi fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni. <b>Kundizzjonijiet:</b> ara l-punt 6.1 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali.

<sup>(9)</sup> Id-data ta' meta trid tattendi ċ-ċentru ta' evalwazzjoni tiġi kkomunikata lilek fi żmien xieraq permezz tal-kont tal-EPPO tiegħek.

## ANNEX 1

## VERIFIKA

**1. Deskrizzjoni tal-funzjonijiet**

L-uffiċjali jkollhom il-karigi ta' assistenti f'wieħed jew iktar minn dawn l-oqsma ta' verifika esterna jew interna:

- Analiżi (taħt il-kontroll dirett tal-persuna responsabbli mill-verifika jew ta' awditur maħtur), ir-rapporti u dikjarazzjonijiet mgħoddija mill-Istati Membri u benefiċjarji oħra dwar l-użu tar-riżorsi tal-Unjoni Ewropea.
- Kontribuzzjoni għall-evalwazzjoni u l-effiċjenza tas-sistemi ta' kontroll imwaqqfa mill-Istati Membri u benefiċjarji oħra.
- Kontribuzzjoni għall-organizzazzjoni tal-konsultazzjonijiet bejn is-servizzi, is-segwitu tagħhom u r-riżultati tagħhom.
- Kontribuzzjoni għall-iżvilupp ta' misjonijiet ta' verifika u ta' pjanijiet ta' inkjesti (EPM).
- Għajnuna fit-tħejija tar-rapporti ta' verifika u żgurar tas-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet.
- Tħejija tal-proċeduri li jinvolvu konsegwenzi finanzjarji ta' ġestjoni għall-Istati Membri u benefiċjarji oħra relatati mal-użu tar-riżorsi tal-Unjoni Ewropea jew, fejn applikabbli, l-iżgurar tal-eżegwiment u s-segwitu.
- Assigurazzjoni tal-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Qorti tal-Awdituri.
- Għajnuna fil-ġestjoni ta' kuntratti preċedenti mal-awdituri esterni li jipprovdu servizzi ta' verifika.
- L-għoti ta' għajnuna għall-verifika tan-natura ta' proċess, għall-identifikazzjoni tar-riskji u tal-kontrolli u l-evalwazzjoni tal-karattru xieraq u l-effiċjenza tal-proċessi ta' kontroll intern, ġestjoni tar-riskji u ta' amministrazzjoni.
- Promozzjoni tal-kwalità u l-koerenza metodoloġika tal-attivitajiet ta' verifika li jitwettqu fi ħdan is-servizzi.

**2. Kwalifiki**

Livell ta' edukazzjoni superjuri ċċertifikat b'diploma marbut mal-qasam tal-kariga magħżula.

**JEW**

Livell ta' edukazzjoni sekondarja, iċċertifikat minn diploma ta' tmiem l-istudji li tagħti aċċess għall-edukazzjoni postsekondarja, flimkien ma' esperjenza professjonali ta' mill-inqas tliet snin marbuta mal-qasam tal-kariga.

NB: L-esperjenza professjonali ta' mill-inqas tliet snin hija parti sħiħa mid-diploma u ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni fin-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali mitlub hawn taħt.

**3. Esperjenza professjonali**

Esperjenza professjonali ta' mill-inqas 3 snin b'rabta man-natura tal-funzjonijiet inkwistjoni.

Din l-esperjenza professjonali hija rilevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-għoti tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

---

## ANNEX 2

**FINANZI/KONTABILITÀ****1. Deskrizzjoni tal-funzjonijiet**

Fil-qafas tad-diversi attivitajiet baġtarji u finanzjarji tal-istituzzjoni, li jirriżultaw mir-regolament finanzjarju tal-Unjoni Ewropea u l-modalitajiet ta' applikazzjoni tagħha, l-uffiċjal se jkun inkarigat, abbażi ta' istruzzjonijiet preċiżi u bl-użu tal-għodod speċifiċi tal-informatika (sistema tal-informatika dwar il-kontabilità), li jwettaq il-karigi ta' applikazzjoni bħal:

- Is-segwitu tal-proċeduri finanzjarji u baġtarji (ġestjoni ta' approprjazzjonijiet, impenji, verifika ta' kontijiet u pagamenti, ordni ta' rkupru, previżjonijiet ta' ammonti recevibbli).
- Parteċipazzjoni fit-tħejija tal-previżjonijiet baġtarji u t-tħejija ta' rapporti u kontijiet annwali.
- Għajnuna fil-qasam ta' proċeduri tas-suq.
- Segwitu ta' ammont recevibbli u l-istabbiliment ta' dħul.
- Ġestjoni finanzjarja tal-irċevuti u l-kontroll tat-trattament tal-kontabilità.
- Assistenza għax-xogħlijiet ta' implimentazzjoni tas-sistemi ta' kontabilità u dawk finanzjarji.
- Iż-żamma ta' kontabilità ġenerali jew baġtarja.
- L-installazzjoni, l-implimentazzjoni u t-titjib tal-proċeduri ta' kwalità fil-kontabilità sabiex jitnaqqsu r-riskji tal-kontabilità.
- L-eżegwiment ta' kontrolli regolari tad-dejta tal-kontabilità biex jiġi żgurat li jitwettqu l-għanijiet tal-kwalità.
- Għajnuna għal xogħlijiet ta' għeluq u ta' preżentazzjoni tal-qagħda finanzjarja.
- Għajnuna fil-kontabilità u l-għoti ta' pariri lis-servizzi ta' Istituzzjonijiet.
- Il-ġestjoni tat-teżor u tal-operazzjonijiet ta' ħlas u r-rikonċiljazzjonijiet bankarji.
- Il-ġestjoni tar-rikonċiljazzjonijiet fil-kontabilità ġenerali u tal-kontijiet tal-impresst.

**2. Kwalifiki**

Livell ta' edukazzjoni superjuri ċċertifikat b'diploma marbut mal-qasam tal-kariga magħżula.

**JEW**

Livell ta' edukazzjoni sekondarja, iċċertifikat minn diploma ta' tmiem l-istudji li tagħti aċċess għall-edukazzjoni postsekondarja, flimkien ma' esperjenza professjonali ta' mill-inqas tliet snin marbuta mal-qasam tal-kariga.

NB: L-esperjenza professjonali ta' mill-inqas tliet snin hija parti sħiħa mid-diploma u ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni fin-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali mitlub hawn taħt.

**3. Esperjenza professjonali**

Esperjenza professjonali ta' mill-inqas 3 snin b'raba man-natura tal-funzjonijiet inkwistjoni.

Din l-esperjenza professjonali hija rilevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-għoti tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

---

## ANNEX 3

## STATISTIKA/EKONOMIJA

**1. Deskrizzjoni tal-funzjonijiet**

L-uffiċjali jkollhom il-karigi ta' assistenti f'wieħed jew iktar minn dawn l-oqsma:

- Kontijiet nazzjonali, statistika tal-prezzijiet u indikaturi ewlenin.
- Statistika tal-finanzi tal-amministrazzjonijiet pubbliċi.
- Statistika reġjonali u settorjali.
- Statistika soċjali.
- Statistika globali tal-impriżi.
- Kooperazzjoni fi ħdan is-Sistema Ewropea tal-Istatistika, kooperazzjoni internazzjonali.
- Servizzi ta' statistika u informatika tal-impriżi.

Il-funzjonijiet ewlenin ikunu:

**(1) Metodi ta' statistika, tfassil u standardizzazzjoni**

- Ittestjar, validazzjoni u kontroll tal-kwalità tal-metodi ta' statistika.
- Għajnuna fit-tfassil ta' indikaturi tal-istatistika.
- Kontribuzzjoni għall-armonizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni tal-proċessi, tal-prodotti u tal-metodi maħsuba għall-istatistika Ewropea uffiċjali, permezz tat-teknoloġiji tal-informatika moderni.
- Kontribuzzjoni għall-iżvilupp ta' prodotti ġodda u ta' attivitajiet ta' statistika ġodda.

**(2) Regolamentazzjoni u koordinazzjoni statistika**

- Parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' regolamentazzjoni u koordinazzjoni ta' statistika tal-istituzzjonijiet Ewropej, flimkien ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE, l-Istati Membri, pajjiżi msieħba u organizzazzjonijiet internazzjonali, dwar ir-regolamentazzjoni, l-armonizzazzjoni u l-koordinazzjoni tal-metodi u proċeduri ta' statistika.

**(3) Ġestjoni u trattament tad-dejta tal-istatistika**

- Validazzjoni u strutturar tad-dejta tal-istatistika.
- Kalkolu tad-dejta derivata u t-tweqqif ta' stimuli u tbsir tad-dejta tal-istatistika.
- Ġbir, trażmissjoni u kompilazzjoni tad-dejta tal-istatistika bħala thejjiġa għall-pubblikazzjoni tagħhom.
- Tisħiħ tal-użu tad-dejta integrata, inkluż dejta minn sorsi amministrattivi.
- Tweqqif ta' trattamenti minn qabel għad-dejta maħżuna, trattament ta' "big data"/ta' dejta mill-internet/ta' dejta varjata.

**(4) Evalwazzjoni u kontroll tal-kwalità, verifika tad-dejta**

- Kontribuzzjoni għall-verifika tal-konformità u tar-robustezza tal-metodi, tal-prodotti u tar-riżultati tal-istatistika.
- Evalwazzjoni tal-kwalità u żgurar ta' proċedura ta' livell ta' kwalità tal-istatistika Ewropea uffiċjali.

**(5) Analiżi, għoti ta' pariri, u tixrid tal-informazzjoni tal-istatistika u dik ekonomika**

- Analiżi tad-dejta ekonomika u dik dwar l-istatistika u tfassil tal-evalwazzjonijiet dwar l-istatistika jew dawk ekonomiċi.
- Kontribuzzjoni għall-analiżi u l-evalwazzjoni tal-potenzjal tas-sorsi flimkien ma' sorsi oħra.
- Ġestjoni tat-talbiet għal informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' statistika u ekonomija, komunikazzjoni u pariri lill-utent dwar il-multifunzjonalità tal-informazzjoni li ġejja mill-ħażna tad-dejta.
- Preżentazzjoni tar-riżultati għat-tixrid (tfassil ta' testi, użu tal-multimedja, kitba għall-internet) fir-rapporti tal-istatistika u dawk ekonomiċi.

Dawn il-funzjonijiet jeżiġu kapacià ta' adattabilità f'oqsma tax-xogħol transversali kif ukoll fehma tajba tal-kwistjonijiet politiċi u ekonomiċi, kompetenzi kkonfermati ta' analiżi, komunikazzjoni, tfassil, tekniki ta' disseminazzjoni u ġestjoni ta' proġetti.

**2. Kwalifiki**

Livell ta' edukazzjoni superjuri ċċertifikat b'diploma marbut mal-qasam tal-kariga magħżula.

**JEW**

Livell ta' edukazzjoni sekondarja, iċċertifikat minn diploma ta' tmiem l-istudji li tagħti aċċess għall-edukazzjoni postsekondarja, flimkien ma' esperjenza professjonali ta' mill-inqas tliet snin marbuta mal-qasam tal-kariga.

NB: L-esperjenza professjonali ta' mill-inqas tliet snin hija parti sħiħa mid-diploma u ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni fin-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali mitlub hawn taħt.

**3. Esperjenza professjonali**

Esperjenza professjonali ta' mill-inqas 3 snin b'rabta man-natura tal-funzjonijiet inkwistjoni.

Din l-esperjenza professjonali hija rilevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-għoti tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

---